PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

23 ta' April, 2023

# LET US DREAM

Dan huwa l-isem ta' ktejjeb li ħareġ il-Papa Franġisku xi sentejn ilu. Se ngħaddilkom ħsieb interessanti li jsemmi fil-bidu tal-ktieb. Il-Papa Franġisku jgħidilna li dment li aħna hawn fid-dinja, importanti li ngħixu mhux bħala "turisti" imma bħala "pellegrini". Xi jrid jgħid b'dan? Il-Papa jrid jgħid li min jgħix ta' turist, jagħmel minn kollox biex jaqta' mir-rutina li jkun daħal fiha imma mbagħad jiġrilu li jirritorna f'ħajja soffokanti. Il-ħajja tal-"pellegrin" hija ta' dak li joħroġ, jara realtà ġdida u mbagħad jirritorna biex ikompli ħidmietu bħala bniedem mibdul. Naħseb li l-Papa jrid jgħidilna li anke l-istess mistrieħ li nieħdu jista' jservi biex nakkwistaw enerġiji ġodda u niltaqgħu ma' Alla biex imbagħad ngħaddu din l-esperjenza lill-oħrajn.



Hemm bnedmin "pellegrini" li huma u għaddejjin fil-ħajja, iħallu marka pożittiva fuq l-oħrajn. Ħafna minnkom semgħu bil-qaddisa Edith Stein li fl-1943 mietet fil-kamp tal-konċentrament ta' Auschwitz. Darba minnhom stqarret li, "Certainly the most decisive turning points in world history are substantially co-determined by souls whom no history book ever mentions".

Il-pellegrin, jgħid il-Papa, huwa dak li JIEQAF, JITLOB, JAQRA L-KELMA T'ALLA, JISMA' lil Alla fil-fond ta' qalbu u mbagħad JAĠIXXI.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**PLAY FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** il-Ħadd 23 ta' April fis-6:00pm se tittella' l-play 'Ir-Rigal tan-Nannu' fis-sala tal-Museum tas-subien. Kulħadd huwa mistieden għal din il-play li fiha tagħlim għall-familja kollha.

**GRUPP TA' TALB TA' PATRI PIJU:** il-laqgħa fil-kappella tas-Sorijiet tibda fl-4:30pm bl-adorazzjoni u r-rużarju u wara jkun hemm il-quddiesa. Tkun it-Tnejn 23 ta' April. Nafu kemm San Piju kellu għal qalbu l-Ewkaristija u kemm ħeġġeġ erwieħ biex jersqu lejha. Inżidu t-talb għall-morda u l-vokazzjonijiet. Inti wkoll mistieden.

**LAQGĦA GĦAR-ROMOL KOLLHA:** (irġiel u nisa) nhar it-Tnejn 24 t'April fis-6:00pm, fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku. Imexxi Dun Ġużepp Attard. Inħeġġukom tattendu.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li se torganizza ħarġa għal Malta nhar il-Ħamis 27 ta' April. Nitilqu fis-7:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**QLIGĦ MILL-ALUMINJU U R-RAM:** il-parroċċa kellha qligħ ta' €395 mill-bejgħ ta' ram u aluminju. Nirringrazzjaw lil Leli Grima li offra t-trasport u lil dawk kollha li ġabu l-materjal għar-riċiklaġġ. Infakkrukom li l-parroċċa ma tirriċiklax televixins u kompjuters.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am